**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 24 TA' SETTEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 709/01 AJD*

Burmarrad Commercial Ltd.

vs

Martin Mifsud

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Lulju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u lira Maltin u tmenin centezmu (Lm801.80) u cioe' l-alur ta' erba' kambjali iffirmati mill-konvenut faur is-socjeta' attrici u li lkoll immaturaw (Dok. A u Dok. B).
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet ikkalkolati mid-data ta' maturita' ta' kul kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikata, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Ivan Gatt in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u lira Maltin u tmenin centezmu (Lm801.80), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR